**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Dicembru 2015**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Gur. Nru. 1055/15 JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C-3177)**

***kontra***

**Khaled Shehata [detentur tal-karta tal-identita` numru 330298(M)] u Anna Shehata [detentrici tal-karta tal-identita` numru 745261(M)]**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fid-9 ta` Novembru 2015 li jaqra hekk :–

*1. Permezz ta` kuntratt intestat "Personal Term Credit Agreement" datat 8 ta` Lulju 2011, kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A", il-bank rikorrent ikkonceda facilitajiet bankarji lil Khaled Shehata u lil Anna Shehata solidalment bejniethom fl-ammont ta` erbgha u ghoxrin elf u seba` mitt Ewro (€24,700) liema somma giet utilizzata kollha mill-intimati skont prospett hawn anness u mmarkat Dokument "B";*

*2. Is-somma dovuta fuq il-kont tat-tip 'loan' bin-numru 016-124432-340 tammonta ghal ammont globali ta` erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tnax il-centezmu (€24,828.12) li minnhom wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u hmistax-il Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€21,915.48) rapprezentanti kapital dovut u elfejn, disa` mija u tnax-il Ewro u erbgha u sittin centezmu (€2,912.64) rapprezentanti imghax sad-19 ta` Jannar 2015 mahduma b`imghax semplici u dan skont l-istess prospett sucitat;*

*3. Il-hlas tal-pagamenti mensili li kellhom isiru bdew ma jkunux konsistenti sa ma fl-ahhar ma sar ebda hlas wara Marzu 2014 u dan kif jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B";*

*4. Il-bank rikorrent jinsab kreditur ta` Khaled u Anna Shehata solidalment ukoll fuq kont ta` tip 'Current' bin-numru 016-124422-341 gia bin-numru 073-026148-001 u l-ammont globali dovut fuq dan il-kont huwa ta` elf, hames mija u sbatax-il Ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,517.38) li minnhom elf, tliet mija u erbgha u erbghin Ewro (€1,344.00) rapprezentanti kapital u mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€173.38) rapprezentanti imghax mahdum b`imghax semplici sad-19 ta` Jannar 2015 skont prospett hawn anness u mmarkat Dokument "C";*

*5. Il-bank rikorrent interpella lill-intimati biex ihallsu u dan permezz ta` zewg ittri bonarji datati 15 ta` Marzu 2013 u 23 ta` Jannar 2014 (kopji annessi u mmarkati Dokument "D" u "E"), madanakollu l-intimati baqghu inadempjenti;*

*6. Ghaldaqstant, jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*a. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta` sitta u ghoxrin elf,tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€26,345.50) flimkien mal-imghax bir-rata ta` tmienja fil-mija sa mill-20 ta` Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv;*

*b. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrent is-somma ta` sitta u ghoxrin elf, tliet mija hamsa u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€26,345.50) flimkien mal-imghax bir-rata ta` tmienja fil-mija sa mill-20 ta` Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*7. Bl-ispejjez kontra Khaled Shehata u Anna Shehata li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` Novembru 2015 fejn *inter alia* appuntat il-kawza ghas-smigh ghal-lum fid-9.00 a.m.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenuti fl-udjenza tal-lum.

Rat l-Art 170 tal-Kap 12.

Billi l-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet prima facie fil-ligi u fil-fatt xi jgibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici;

**Taqta` u tiddeciedi din il-kawza minghajr is-smigh billi :**

1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta` sitta u ghoxrin elf,tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€26,345.50) flimkien mal-imghax bir-rata ta` tmienja fil-mija fis-sena b`effett mill-20 ta` Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrent is-somma ta` sitta u ghoxrin elf, tliet mija hamsa u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€26,345.50) flimkien mal-imghax bir-rata ta` tmienja fil-mija fis-sena b`effett mill-20 ta` Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-konvenuti Khaled Shehata u Anna Shehata sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur